MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2007

Numru. 876/2006

**Il-Pulizija**

**Spettur Josric Mifsud**

v

**ROSINA GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **ROSINA GRECH** bint Nicholas Grech u Maria nee Scicluna, imwielda nhar t-tmienja ta' Lulju 1967 u residenti 'ta' Koli', Triq t-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita numru 16867G, giet mressqa quddiemha akkuzata talli fis-sitta w ghoxrin ta' Ottubru 2006 ghal habta tal-hamsa ta' filghaxija, fir-Rabat, Ghawdex, meta hekk ordnata mill-Qorti jew kif marbuta bil-kuntratt tat-tletin ta' Awissu 2001, li sar fl-atti

tan-Nutar Silvio Hili, naqset li taghti access ta' binha Koli lil zewgha Mikiel Angelo Cordina minghajr raguni xierqa.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil kwerelat Michael Angelo Cordina jixhed fis-seduta tal-erbatax ta' Novembru 2006 fejn qal li ghalkemm martu hija tenuta taghti access ghat-tifel minuri Koli skond l-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt redatt minn Nutar Silvio Hili datat tletin ta' Awissu 2001, esibit fl-atti bhala dokument MC 1, l-imputata qed tirrifjuta li taghmel dan b'mod ripetut w ilu zmien twil ma jkollu kuntatt ma ibnu minuri Koli.

Huwa spjega kif f'diversi okkazzjonijiet fix-xahar ta' Ottubru 2006 huwa kellu jkollu access ghal ibnu minuri Koli u l-imputata cahditu minnu u kellu jispicca jmur l-ghassa tal-pulizija u jirrapporta l-kaz sabiex jittiehdu l-passi opportuni kriminali kontra martu.

Illi dan il-fatt gie konfermat kemm minn PS 1346 Anton Schembri u WPC 151 Carmen Parnis, liema zewg ufficjali fl-affidavits taghhom, li ma gewx kontestati, t-tnejn ikkonfermaw li l-kwerelat ghamel diversi rapporti l-ghassa ghaliex martu ma taghtux access ghal ibnu minuri Koli. Meta dawn l-ufficjali ghamlu kuntatt maghha u staqsewha r-raguni, din qaltilhom li r-raguni kienet lesta li taghtiha lil Qorti.

Fl-istess seduta xehdet l-imputata w esibiet diversi dokumenti. Hija ma cahditx dak li allega zewgha fil-konfront taghha fis-sens li ma taghtux access, izda dan ghamlitu ghaliex fil-fehma taghha, kellha raguni xierqa u cioe ghaliex bezghet li t-tifel kien qed jigi manipulat minn zewgha u kienet ser titilfu kif fil-fatt tilfet lil bintha minuri Michaela.

In oltre, stqarret wkoll li t-tifel minuri ma kienx iben il-kwerelat u fil-fatt kienet ippresentat kawza l-Qorti quddiem il-Qorti tal-Familja dwar denegata paternita.

Mistoqsija mill-Qorti jekk gabitx din l-allegazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja sabiex ikun hemm varjazzjoni fil-kuntratt, l-imputata stqarret li kienet ippresentat rikors [dokument MC 2 esibit fl-atti] fejn tablet lil Qorti tal-Magistrati Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja, sabiex l-kwerelat ma jkollux aktar access ghar-ragunijiet hemm imsemmija fl-istess rikors. Illi pero b'digriet tal-Qorti datat sittax ta' Ottubru 2006, l-modalitajiet imsemmija dwar l-access tal-ulied fil-kuntratt originali tat-tletin ta' Awissu 2001 fuq imsemmi gew konfermati.

Illi din il-Qorti staqsiet lil imputata 'l ghaliex xorta ma tatx access lil kwerelat nonostante dan l-istess digriet u l-imputata wiegbet li hi taf l-ahjar u x'hinu l-interess ta' wliedha u ghalhekk mhux ser taghti ebda access.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2006, xehdet Judith Nicola Cordina, li tigi bint l-imputata u l-kwerelat li llum ghandha sbatax il-sena fejn spjegat li hija tghix ma ommha u kuntatt ma missierha m'ghandhiex. Qalet li meta huha z-zghir Koli kien imur ghand missieru, kien jigi lura d-dar trawmatizzat u ma kien jissetilja b'xejn. Kien joqghod jghannaq lil mummy u jghidilha kemm ihobbha. Spjegat wkoll li gieli kien imur dritt jorqod u ma jkellem lil hadd. Hija pero spjegat li min mindu t-tifel ma marx aktar ghand missieru, ha r-ruh.

Id-difiza ressqet wkoll lil Anthony Bajada jixhed fl-istess seduta tat-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2006, fejn spjega li huwa l-gharus jew ahjar partner tal-imputata u jghix maghha. Qal li t-tifel llum ghandu sitt snin u minn meta ma baqax imur ghand missieru, irregistra progress l-iskola, u ra kambjament kbir fil-karattru tieghu fis-sens li kkalma. Qal li huwa ilu zmien twil jghix mal-imputata u fil-fatt kien jghix maghha anke meta bejn is-snin 2002 u 2004 l-imputata kienet taghti access lil zewgha u kien ghalhekk li qal li kien f'posizzjoni li jghid li ra kambjament

fil-persuna tat-tifel minuri ghaliex setgha jikkompara z-zminijiet.

Illi fl-ahhar seduta tal-hamsa ta’ Dicembru 2006, xehdet il-Psikologa Joan Camilleri, fejn qalet li originarjament hija kienet giet mitluba mill-avukat difensur tal-imputata sabiex tezamina lil imputata u l-istat familjari taghha minhabba l-fatt li kienet agitata hafna u kienet ghaddejja minn tenzjoni qawwija kagun tas-separazzjoni personali taghha. Qalet li sussegwentement kienet giet wkoll nominata mill-Qorti Sezzjoni tal-Familja, sabiex tisma lil minuri u tirrelata lura lil Qorti. Dan l-inkarigu fil-fatt kienet ghamlitu wkoll. Hija spjegat li l-kwerelat ghandu personalita qawwija hafna u perswassiva hafna li qed tinfluwenza t-trobbija ta’ uliedu, tant li illum, bintu Michaela hija mwerwra minnu u tagixxi b’manjiera li joghgob lilha biss u hija tibza li jekk ikollu access ghal ibnu Koli, l-omm ser titlef l-kuntatt taghha mat-tifel. Qalet wkoll li din hi r-raguni ghaliex fil-fehma taghha l-kwerelat m’ghadx ikollu access u xejn aktar.

Ikkunsidrat:

Illi mill-assjem tal-provi jidher li hemm attrit kbir bejn il-konjugi Rose Grech u Michael Angelo Cordina, kif ta’ spiss ikun hemm f’sitwazzjonijiet ta’ din x-xorta fejn il-konjugi jkunu ghadhom kemm isseparaw. Dan jaghti lok ghal piki kontinwi u fin-nofs imbaghad, kif jigri ta’ spiss, jizfnu t-tfal.

F’dan il-kaz, l-imputata ma tatx access lil zewgha f’diversi jiem meta kienet hekk obligata li taghmel skond l-kuntratt ta’ binha minuri Koli. Dan l-agir tal-omm, zgur iservi biex tigi manipulata sitwazzjoni ta’ konflitt fit-tifel li mbaghad tinducih sabiex jirrifjuta li jmur ghand missieru.

Kif gie ritenut mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hmistax ta’ Mejju 2003*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jacqueline Zammit**:

*“Din l-Qorti terga ttenni dak li diga gie ritenut minnha diversament preseduta, u cioe li l-ordnijiet tal-Qrati jridu jigu osservati skrupolozament u minghajr tfettieq u kavillar*

*zejjed, inkella facilment f'kazi bhal dawn, fejn ikun hemm element qawwi ta' pika bejn il-mizzewwgin dwar kull haga possibbli w immaginabbli, din il-Qorti trid tigi ridotta f'Qorti t'Appell mid-digriet tal-Qorti Civili. Ir-rimedju ta' min ikun qed jhossu aggravat b'xi digriet tal-Qorti Civili kemm dwar alimenti kif wkoll dwar access, mhux li jiehu l-ligi b'idejh imma li jirrikorri lejn l-istess Qorti li tkun emanat d-digriet jew ordni relattivi u jitlob revoka, varjazzjoni jew aggustament tieghu biex jittiehed kont ta' xi kambjamenti fis-sitwazzjoni."*

Issa' f'dan il-kaz odjern, l-imputata ittentat tbiddel l-kundizzjoni tal-kuntratt billi ppresentat rikors quddiem din il-Qorti fejn sahansitra anke qed tallega li l-kwerelat [wara sitt snin mit-twelid tat-tifel] mhux missier il-minuri.

Din il-Qorti pero ma hassitx li f'dak l-istadju din kienet raguni biex tvarja l-kundizzjonijiet indikati fil-kuntratt. Illi l-imputata dan nonostante, dehrilha li kellha tiehu l-ligi f'idejha u twaqqaf l-access nonostante l-ordni kuntrarja tal-Qorti taht il-pretiza ta' "raguni xierqa".

Kif tajjeb gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali meta l-Qorti tigi '*biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa u specjalment fil-kamp penali, trid twiezen l-interessi kollha, inkluz l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u mhux injorati, fuq kwalsiasi pretest*', [***Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmen Tabone Reale *deciz nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 1994***] u b' "raguni xierqa" wiehed ghandu jifhem, kif del resto gie elaborat fil-gurisprudenza, raguni oggettivament xierqa u mhux biss fil-mohh jew fl-opinjoni tal-parti li ma tippermettix l-acess.

Ezempju ta' dan huwa "xi mard serju tal-minuri li ma jkun jaghmilha possibbli li dan johrog mid-dar" [vide **Il-Pulizija v Joseph Ebejer *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996*, Il-Pulizija v Jacqueline Zammit *deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Mejju 2003*** u **Il-Pulizija v Isabelle Cilia deciza mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Frar 2005***.]

Fis-sentenza fl-ismijeit **Il-Pulizija v Joseph Ebejer** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-dsatax ta' Dicembru, 1996*****,** gie ritenut li:

*"Biex wiehed ikun jista jinvoka r-"raguni xierqa" li tezenta lil dak li jkun mir-responsabbilita kriminali, irid jirrizulta li hu jkun fic-cirkostanzi agixxa ragonevolment. L-espressjoni "raguni xierqa" hija sinonima f'dak l-kuntest ghal "raguni tajba" li tista tigi tradotta bhala "reasonable cause".*

Kazijiet ovvja huma mard. Pero wiehed jista jimmagina hafna sitwazzjonijiet ohra fejn l-access ma jinghatax u f'dawn l-kazijiet, biex wiehed ikun ezonerat mir-responsabbilita kriminali, irid ikun hemm risposta fl-affermativ ghal mistoqsija: Min kellu jaghti l-access u ma tahx, agixxa b'mod ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz? Wiehed irid izomm f'mohhu li hawn qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku u ghalhekk bhala regola l-ordnijiet tal-Qorti ghandhom jigu **skrupolozament osservati** u hu biss meta jkun hemm raguni xierqa fis-sens kif hawn aktar 'l fuq imfisser li wiehed jista jkun gustifikat li ma jobdix dawk l-ordnijiet.

Fil-kaz in dezamina, jidher li l-imputata kienet ilha sa mis-sena 2001 taghti access lil zewgha u kien f'Ottubru 2006 meta hija dehrilha li ma kellhiex taghti aktar access. Din il-Qorti ma tahsibx li l-karattru tal-kwerelat tbiddlet matul z-zmien ghaliex fil-fatt, Anthony Bajada jghid li anke fis-sena 2002, t-tifel kien jibki meta jigi minghand missieru [wiehed ma jridtx jinsa li l-minuri Koli twieled fis-sitta ta' April 2000] w ghalhekk fis-sena 2002, Koli kien ghad ghandu biss sentejn w erbgha xhur u konsegwentement mhux haga a normal li tifel ta' dik l-eta jibki meta jkun boghod minn ommu. Izda dan nonostante, kif qal hu stess fix-xhieda tieghu, xorta iddecidew [hu u l-imputata flimkien] li jibqa jinghata l-access u kien recentement li l-imputata dehrilha li tali access kien ta' hsara rreparabbli ghal minuri.

Ghalhekk, il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi, l-agir tal-imputata ma kienx oggettivament ragjonevoli w ghalhekk ma tistax tghid li fix-xahar ta' Ottubru 2006, hija kellha raguni xierqa biex ma tottemperax ruhha mal-ordni tal-Qorti Civili.

Illi ghalhekk wara li **l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 338(ll) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputata ROSINA GRECH hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha u tikkundannha ghal hlas ta’ amenda massima ta’ hamsa w ghoxrin [25] lira maltin.**

**Din il-Qorti tghamilha cara li f’kaz li l-imputata terga tidher quddiemha akkuzata bl-istess akkuzi u tinsab hatja minnha, hija mhux ser ikollha triq ohra salv li timponi piena karcerarja fuqha.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------